MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1376/2002/1

**Jennifer Vella u Alison Mula**

**Vs**

**Maria Sciriha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm490.20) rappresentanti prezz ta' lbis mibjugha u ikkonsenjati lill-istess konvenuta u li din naqqset li thallas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja interpellatorja ta'l-10 ta' Mejju 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenutaipprezentata fit-2 ta’ Lulju 2002, fejn hija ecceppiet illi l-ammont pretiz huwa hafna inqas minn dak mitlub u in effetti l-eccipjenti diga offriet li thallas l-bilanc a saldu tal-pretensjonijiet ta’l-atturi. Inoltre l-eccipjenti ma kellha l-ebda relazzjoni guridika ma’ Alison Mula.

Sema' x-xhieda ta’l-kontendenti u ta’ James Vassallo, Frank Bugeja u Jacqueline Fenech.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jidher illi l-mertu tal-kawza jittratta semplicement rezakonti ta’ valur ta’ merkanzija li l-atturi allegatament bieghu lill-konvenuta. Irrizulta mill-provi illi l-atturi ghandhom negozju tal-bejgh ta’ hwejjeg. Il-konvenuta kienet xtrat xi hwejjeg sabiex hi min-naha taghha tkun tista’ terga tbieghhom mill-hanut taghha. L-kontestazzjoni imressqa mill-konvenuta hija fis-sens illi hija ma ghandhiex taghti l-ammont kollu li qed jintalab mill-atturi f’din il-kawza izda ferm inqas.

Il-partijiet ghalhekk ressqu rendikonti dettaljati u dana in sostenn ta’ dak pretis minnhom. L-atturi jallegaw illi huma kienu bieghu konsenja ta’ hwejjeg lill-konvenuta. L-attrici Jennifer Vella kienet bieghetilha hwejjeg tat-tfal u hwejjeg ta’ taht u l-konvenuta kien ghad fadlilha thallas bilanc ta’ Lm268, filwaqt illi l-attrici Alison Mula kienet bieghetilha hwejjeg tal-kbar, irgiel u nisa u kien ghad fadal bilanc pendenti ta’ Lm209. L-atturi ipprezentaw prospett dettaljat tal-valur tal-merkanzija ikkonsenjata u l-pagamenti li saru mill-konvenuta, liema prospett huwa esebiet a fol.19 ta’l-atti processwali u immarkat bhala Dokument JV. Il-bilanc li jidher dovut minn dan id-dokument huwa ta’ Lm429.16 u dana peress illi l-atturi hawnhekk naqqsu l-10% qliegh li huma jaghtu lill-konvenuta fuq il-merkanzija mibjugha meta hija taffettwaw il-pagament. Il-konvenuta madanakollu ma taqbilx ma’ dan il-prospett u dana

peress illi hija tallega illi fih hemm merkanzija illi qatt ma giet ikkonsenjata lilha u li hija ma hijiex disposta thallas ghaliha. Tallega inoltre illi l-attrici Jennifer Vella kienet tnizzel xi merkanzija fuq il-kont taghha illi fil-fatt gew ikkonsenjati lil terzi u mhux lilha. In kontro-ezami madanakollu tikkonferma illi l-attrici Jennifer Vella kienet tnizzel fil-presenza taghha fuq bicca karta l-merkanzija li tkun hadet u meta kienet tmur thallasha hija kienet tingassa l-merkanzija li tkun hallset minn fuq din il-karta.

Illi in sostenn tad-difiza taghha l-konvenuta ipprezentat zewg dokumenti li minnhom jirrizultaw il-merkanzija illi hija qed tikkontendi li giet ikkonsenjata lilha u il-pagamenti effetwati. Illi ghandu jinghad illi minn ezami ta’ dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-partijiet qeghdin jaqqblu rigward ghal pagamenti li gew effetwati hlief ghal dak ta’ Lm58.50 li allegatement gew imhallsa mill-konvenuta f’Settembru 2001. Ghalhekk ix-xhieda ta’ Frans Bugeja u ta’ Jacqueline Fenech fir-rigward tal-pagamenti li saru ma jitfghu l-ebda dawl fuq l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u dana peress illi rigward il-pagamenti li saru li dwarhom jixhdu dawn in-nies, jidher li hemm qbil. Illi ix-xhieda ta’ Jacqueline Fenech hija rilevanti f’aspett wiehed u cioe’ meta hija tikkontendi illi qatt ma ghamlet negozju direttament ma’l-attrici Jennifer Vella u dana peress illi in-negozju kienet dejjem taghmlu mal-konvenuta u kienet dejjem thallas lill-istess konvenuta. Illi ghalhekk l-argument imqajjem mill-konvenuta illi l-attrici Jennifer Vella kienet tnizzel mal-kont taghha il-merkanzija li kienu jiehdu terzi persuni u li ghalhekk hija tghid li ma kellhiex x’taqsam maghha, ma tistax tkun xhieda kredibbli u sostennibbli meta din l-istess xhud imressqa minnha issostni illi l-konvenuta kienet tixtri l-merkanzija hija direttament minn ghand l-attrici, imbaghad tghaddihom lilha, li minn naha taghha dejjem kienet thallas lil Sciriha. Inoltre ghalkemm hija issostni illi l-konvenuta kienet tghaddi dawn il-flus li kienet taghtiha, lill-attrici Jennifer Vella, pero’ hija qatt ma kienet presenti meta effettivament l-konvenuta kienet ghaddiet dawn il-flus lill-attrici.

Illi ghalhekk ghandu jinghad illi x-xhieda ta'l-atturi hija ferm iktar kredibbli u verosimili u dana peress illi ghalkemm l-konvenuta tallega diversi cirkostanzi fil-kors tax-xhieda taghha, hija naqqset li issostni l-istess mill-provi imressqa minnha u dana kif jidher mis-segwenti:

1. Qatt ma gew ipprezentati xi cekkijiet jew dokumenti ohra bhala prova ta' hlas, u dana specjalment f'dak li jirrigwarda il-hlas ta' lm58.50 effetwat f'Settembru 2001. L-ebda ricevuta ma giet esebita u lanqas ma giet indikata ezatt id-data meta l-pagament gie effetwat.
2. Ghalkemm hija tallega illi kien hemm xi merkanzija li giet ikkonsenjata lil kugina taghha Ruth Zammit, din Zammit qatt ma tressqet bhala xhud.
3. Jacqueline Fenech tikkonferma illi hija dejjem ghamlet negozju mal-konvenuta u qatt ma kellha x'taqsam direttament ma'l-atturi. Anke il-pagamenti kienu isiru lill-konvenuta.
4. Id-Dokument X, ipprezentat mill-attrici Vella u li jinsab esebiet a fol.68 tal-process hija lista tal-merkanzija maghmula bil-kalligrafija tal-konvenuta. Din il-lista ma taqbel ma l-ebda wahda mid-dokumenti esebieti mill-konvenuta Dokumenti A u B a fol.58 u 59 tal-process.
5. Il-konvenuta taqbel illi l-attrici Jennifer Vella kienet tnizzel fil-presenza taghha il-lista tal-merkanzija li tkun giet ikkonsenjata lilha u meta kienet taffetwa xi pagament, l-attrici Vella kienet tingassa il-merkanzija imhallsa minn fuq din il-lista fil-presenza taghha.

Illi finalment l-attrici Jennifer Vella ipprezentat dokument li huwa ta' paragun bejn il-prospett esebiet minnha u dak esebiet mill-konvenuta, minn fejn hija tikkonkludi illi l-konvenuta ghandha thallas l-ammont ta' Lm447.15.

Illi fir-rigward l-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-konvenuta illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma'l-attrici l-ohra Alison Mula, din l-eccezzjoni ukoll ma issib l-ebda sostenn u dana peress illi l-konvenuta ma tinneggax illi hija xtrat hwejjeg tal-kbar. Dawna jirrizultaw anke mid-dokumenti imressqa minnha a fol.58 u 59 ta'l-atti processwali. Illi l-atturi kienu cari fix-xhieda taghhom meta

sostnew illi in-negozju gestiet bejniethom kien jinqasam b'dan il-mod u cioe' billi l-hwejjeg tat-tfal u ta' taht jinbieghu mill-attrici Jennifer Vella, filwaqt li l-hwejjeg tal-kbar jinbieghu minn ohta Alison Mula. Dana huwa ukoll ikkonfermat mix-xhud James Vassallo li jigu hu l-atturi.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erba mija u sebgha u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm447.50) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dana l-ammont, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------